MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 59/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Sultana**

Numru: 59/2013

Illum 2 ta’ Ottubru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Sultana**, ta’ hamsa u sittin (65) sena, iben il-mejjet Joseph u Frances neé Gatt, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-24 ta’ Ottubru, 1947, residenti fil-fond ‘Sunshine’, Flat 6, Triq ta’ Wara s-Sur, Rabat, Ghawdex, u detentur

tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 86547(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn 30 u 31 ta' Mejju 2013 waqt li kien qieghed fl-inhawi maghrufa ta' Zewwieqa, fi Triq Zewwieqa, Mgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. ikkommetta serq ta' zewg muturi tal-hart, wiehed tal-ghamla Brumi u iehor Ducati, ta' diversi litri ta' *petrol* u oggetti ohrajn fosthom pompa tal-bexx, li valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur u dan sar ghad-dannu ta' Mariano Spiteri u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' tal-imsemmi Mariano Spiteri.

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin, b'sentenza moghtija nhar is-6 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

5. irrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 35) datata 29 ta' Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 281 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 340(d) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 17, 31, u 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 37), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Lulju 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduti tas-26 ta' Gunju 2013 u tat-18 ta' Settembru 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, a rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u kif ukoll il-fatt li l-oggetti kollha misruqa gew ritornati lill-kwerelant. Il-Qorti

tista' titratta ma' l-imputat b'mod differenti ghad-diversi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u *di fatti* hija ser taghmel proprju hekk. Minn dak li semghet il-Qorti f'dawn il-proceduri u minn dak li rrizulta, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tigi moghtija piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat peress li tali sentenza ma tkun ser issolvi xejn pero jkun ghaqli li l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirriforma hajtu. <u>Il-Qorti qieghda taghmilha cara illi din ser tkun **l-ahhar darba** li l-imputat ser jinghata dan ic-cans</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-<u>tieni</u> (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, *stante* li din l-imputazzjoni tista' tigi kunsidrata bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tad-29 ta' Lulju 2013 u senjatament Artikoli 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270 u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-<u>ewwel</u> (1), tat-<u>tielet</u> (3), tar-<u>raba'</u> (4) u tal-<u>hames</u> (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u filwaqt li:

- fir-rigward tar-<u>raba'</u> (4) imputazzjoni, taghzel li ma titrattax mal-imputat ghar-reati fejn kien inghata ordni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

- fir-rigward tal-<u>ewwel</u> (1), tat-<u>tielet</u> (3) u tal-<u>hames</u> (5) imputazzjoniijiet, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Joseph Sultana taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Joseph Sultana bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-

sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.
*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph Sultana.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------